Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2138(DEC)

23.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
(2023/2138(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 ma fih l-ebda kummenti dwar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS); itenni l-appell tiegħu lill-Qorti biex tinkludi l-kontijiet annwali tal-EDPS fl-awditu annwali tagħha u toħroġ rapport, filwaqt li tqis l-importanza tat-trasparenza għall-funzjonament xieraq tal-korpi kollha tal-Unjoni;

2. Jieħu nota b'sodisfazzjon tar-rapport annwali tal-2022 ippubblikat mill-EDPS; jenfasizza r-rwol tal-EDPS fis-superviżjoni u l-għoti ta' pariri lill-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data tal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej; jilqa' l-konferenza "Il-Futur tal-Protezzjoni tad-Data: Infurzar Effettiv fid-Dinja Diġitali", organizzata mill-EDPS, li laqqgħet aktar minn 2 000 parteċipant, fejn ġie diskuss kif jistgħu jiġu ssalvagwardjati b'mod effettiv id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data; ifakkar li din il-konferenza kkontribwiet għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data;

3. Jiddispjaċih li r-rata ta' okkupanza tat-tabella tal-persunal hija aktar baxx mill-mira tal-2022; jirrikonoxxi n-nuqqas ta' professjonisti speċjalizzati; iħeġġeġ lill-Kontrollur jeżamina strateġiji utli biex tiżdied il-viżibbiltà tal-postijiet vakanti tiegħu;

4. Jilqa' l-azzjonijiet ta' segwitu mill-EDPS għas-sentenza Schrems II, b'enfasi speċjali fl-2022 fuq il-kuntratti tal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej ma' entitajiet privati, b'mod partikolari l-fornituri kbar tal-ICT, u fuq l-arranġamenti bejn l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej u l-korpi pubbliċi mhux tal-UE/taż-ŻEE jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

5. Jilqa' t-taħriġ ipprovdut lill-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej, il-Memorandum ta' Qbil iffirmat mill-EDPS u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) f'Diċembru 2022; jilqa' b'mod speċifiku l-parteċipazzjoni tal-EDPS fil-Kumitat ta' Superviżjoni Koordinata (CSC) li jiżgura s-superviżjoni koordinata tal-Europol, l-Eurojust u l-UPPE; jissottolinja l-importanza tal-ħidma ta' superviżjoni u infurzar tal-EDPS biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej li joperaw fil-qasam tal-pulizija u l-ġustizzja jikkonformaw bis-sħiħ mal-acquis applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

6. Jilqa' s-segwitu li sar mill-EDPS rigward it-talba għall-aċċess għad-data taċ-ċittadini; jinnota li l-EDPS adotta deċiżjoni f'dan il-każ qabel ma ġew ivverifikati u stabbiliti l-fatti kollha; jinnota li d-deċiżjoni tal-EDPS ġiet ikkontestata kemm mill-ilmentatur kif ukoll mill-Europol; jirrikonoxxi li r-rieżami tal-EDPS bħalissa huwa sospiż minħabba li l-kwistjoni tinstab quddiem Qorti nazzjonali; jisħaq fuq l-importanza li r-riżorsi umani u finanzjarji jiġu adattati għall-ammont ta' xogħol dejjem akbar tal-EDPS kif xieraq; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' impjegati addizzjonali teknikament kwalifikati biex jiġi żgurat is-segwitu xieraq tal-kompiti tal-EDPS; iħeġġeġ lill-EDPS jirrieżamina l-proċess ta'

ħidma tiegħu fil-dawl b'mod partikolari tal-ilmenti miċ-ċittadini, filwaqt li jqis l-informazzjoni rilevanti kollha u jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dan il-qasam;

7. Jilqa' l-fatt li, bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19, l-EDPS stabbilixxa task force interna biex timmonitorja u tivvaluta l-UE u l-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej; jilqa' l-fatt li l-EDPS kien involut f'attivitajiet relatati mal-valutazzjoni ta' azzjonijiet, inizjattivi u proposti tal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej bħala kontrolluri, flimkien mal-evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi proposti għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u l-ħruġ ta' gwida għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-korpi Ewropej sabiex jgħinuhom jiġġieldu b'mod adegwat il-pandemija, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data;

8. Jieħu nota tal-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 1995/2022/OAM kontra l-EDPS magħluqa fl-2022, li rreferiet għall-aċċess għad-dokumenti, fejn ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-EDPS fir-rifjut ta' aċċess pubbliku sħiħ għad-dokumenti 8-10 u li l-EDPS solva t-tieni aspett tal-ilment fir-rigward tad-dokumenti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-talba billi ta aċċess parzjali ulterjuri għal dokument wieħed redatt ħażin fl-istadju inizjali; jistieden lill-EDPS jistabbilixxi politika ta' "trasparenza stabbilita mill-bidu" u jippubblika dokumenti marbuta mal-attivitajiet tal-EDPS b'mod proattiv, fi żmien raġonevoli u b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 52 –: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Leopoldo López Gil, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

52	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

0	-

4	0
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni